VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,095, 4 ta' Ġunju, 2013
Taqsima B

A.L. 154 tal-2013

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2013 dwar il-Protokoll dwar it-Tħassib tal-Poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2013 dwar il-Protokoll dwar it-Tħassib tal-Poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona.

Tifsiriet.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 460.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"il-Protokoll" tfisser il-Protokoll dwar it-Tħassib tal-Poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona ffirmat fi Brussell fis-16 ta' Mejju, 2012.

Protokoll jitqies ħaġa waħda mat-Trattati.

3. Għall-iskopijiet tal-artikolu 2(2) tal-Att huwa b'dan iddikjarat illi l-Protokoll għandu jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea hekk kif il-Protokoll jiġi fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tiegħu u skont id-Dikjarazzjoni, iffirmata mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-18 u d-19 ta' Ġunju, 2009.